Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 426/2009

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Daniel Paul Grima (Id. 508580M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ sitt mija, hamsa u erbghin Ewro u erba u tletin centezmu (€645.34) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma mobile phone bin-numru 9925 1080. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija, hamsa u erbghin Ewro u erba u tletin centezmu (€645.34), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------